Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Nicholas Ciappara)
(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)
vs
Silvio sive Salvino Zahra

Illum 21 ta’ Frar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Silvio Zahra, iben Carmelo u Angela nee’ Psaila, imwieled il-Pieta fis-6 ta’ Awissu, 1969 u detentur tal-karta’ ta’ l-identita’ numru 330169(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-16 ta’ Dicembru, 1996, u x-

xhur ta’ qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu id-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjoijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-Prisident ta’ Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Konroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli f’dawn il-Gzejjer fis-16 ta’ Dicembru, 1996, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-president ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija

mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u mingahjr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozzizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u mingahjr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 31/10/95 Awla 9, 26.07.96, Awla 6, 13.10.98, Awla 7, u mill-Qorti tal-Appell Kriminali, datata 3.10.97;

Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Art. 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Lulju, 1998, Awla 7;

Ukoll talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 28A, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, billi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt perjodu ta' sentenza sospiza,

moghtija lilu, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-8.10.1996, Awla 13;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabilita mil-Ligi tordna l-imsemmi persuna thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, kif provdut fl-Artiklu 533(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali mahruga bis-sahha tas-Subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) datata 17 ta' Marzu, 1998 illi permezz taghha ordna illi l-imputat fuq imsemmi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat il-kontro-ordni tal-Avukat Generali tad-9 ta' Frar tas-sena 2000 illi permezz tieghu bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Peikoluzi (Kap. 101) ordna illi l-imputat fuq imsemmi jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess ordinanza u ghalhekk baghat lil din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-att tal-Kumpilazzjoni maghmulin kontra 'il fuq imsemmi imputat u mibghuta lill-Avukat

Generali fil-25 ta’ Jannar, 2000. U wara li ra l-atti tal-kumpilazzjoni maghmulin mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja kontra l-imputat fuq imsemmi iddecieda illi ma iqieghedx lill-imputat taht att ta’ akkuza billi b’zieda mal-ordni fuq imsemmi jonqsu cirkostanzi li jaghmlu l-htija ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali. Deherlu madanakollu illi mill-Kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija tista’, b’zieda mal-ordni fuq imsemmija, tinsab htija jew htijiet ta’ kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 10(1) (a) tal-Kap. 152;
(c) Fl-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi f'Dicembru tan-1996 l-Ispettur Farrugia Mamo kienet giet infurmata mill-Ufficjali tal-Bank of Valletta illi kienu qeghdin jigu pprezentati cekkijiet minn cekk book li kien gie irraportat misruq. Ic-cheque book kien ta' S.A. Xuereb u Miss Z. Muscat. Wara l-istharrig li kien necessarju l-Ispettur Farrugia Mamo waslet fi stadju illi arrestat lil certu Daniel Montebello illi kien mar jipprova issarraf wiehed mic-cheques minn dan ic-cheque book il-misruq fil-fergha tal-BOV ta' Rahal Gdid. Suussegwentement ukoll il-pulizija arrestat lil Charles Zammit maghruf bhala l-Qus u lil Silvio Zahra, l-imputat fuq imsemmi.

Illi l-Ispettur Farrugia Mamo resqet lil Charles Zammit quddiem il-Qorti u akkuzati b'serq ta' dan il-cheque book imsemmi, flimkien ma akkuzi ohrajn. Hija taghtu s-solita twissija u f'dan l-istadju dahlet lill-imputat fuq imsemmi u taghtu ukoll is-solita twissija.

Illi l-imputat fuq imsemmi irrilaxxja stqarrija illi ghazel illi jiffirmaha. Illi f'din l-istqarrija l-imputat fuq imsemmi ammetta illi kien iltaqa ma Charles Sammut maghruf bhala l-Qus hdejn id-Detox ghall-habta ta' nofsinhar fis-16 ta' Dicembru, 1996. Hallew id-Detox, marru hdejn Borg Bonaci ta' Gwardamangia bil-karozza ta' Charels Zammit.

Skond l-imputat Charles Zammit kien waqqaf il-karozza, ra vettura ipparkjata, ittawwal fiha, ra li kien hemm xi affarjiet f'din il-vettura fosthom cheque book u skond l-imputat Charles Zammit seraq dan ic-cheque book u kien qallu, "Issa immur naghmel cheque u nipprova insarrfu". Silvio Zahra kompla jghid lill-pulizija illi sussegwentement kienu marru f'bank f'Santa Venera, dahal hemm hekk Charles Zammit u kien ipprezenta cheque illi kien irnexxielu issarfu u b'dan il-flus li kien sarraf mill-bank LM150 (mija u hamsin lira) Charles Zammit dejjem skond l-imputat fuq imsemmi kien xtara d-droga kokaina. Mistoqsi minn fejn kien gab il-kokaina l-imputat fuq imsemmi wiegeb illi Zammit kien xtara l-kokaina minghand Daniel Montebello, illi ukoll kien gie mizmum fil-fergha tal-BOV ta' Rahal Gdid meta kien mar jipprova issarraf ic-cekkijiet mill-allegat cheque book misruq u ghalhekk gie ukoll arrestat.

Illi l-imputat fuq imsemmi qal lill-pulizija illi Daniel Montebello kien qallu illi kien ser ikollu d-droga kokaina biex jinqeda minghandu. Ghalhekk l-imputat fuq imsemmi kien ha lil Qus ghand Daniel Montebello. L-imputat ra lil Montebello jircievi c-cheque minghand Charles Zammit u konsegwentement Montebello ghadda d-droga kokaina lil Charles Zammit. L-imputat fuq imsemmi qal lill-pulizija illi jaf illi d-droga kienet kokaina u jaf illi kienet tizen tlett

grammi.  L-imputat qal ukoll lill-pulizija illi l-Qus kien dan din id-droga Kokaina u hu ma kienx irrifjutaha.  L-imputat kompla jghid lill-pulizija li wara hu u Charles Zammit kienu marru hdejn is-Ship Building fuq in-naha ta' wara u hu flimkien ma Charles Zammit qaghdu ipejpu l-kokaina fil-karozza ta' Zammit.  Kienu damu hemm hekk xi tlett kwarti, umbaghad regghu marru ghand Daniel Montebello u din id-darba xtraw id-droga kokaina minghandu, liema droga kienet tizen hames grammi.  L-imputat fuq imsemmi kompla jghid lill-pulizija illi din id-darba Charles Zammit hallas lil Montebello s-somma ta' LM205 (mitejn u hames liri) permezz ta' cheque mill-istess cheque book li kien ghadu kif seraq ftit hin qabel.  Wara li kien ghaddielu c-cheque Montebello kien ghaddielu d-droga kokaina fil-presenza tal-imputat.  Charles Zammit kien wassal lill-imputat id-dar u umbaghad telaq ghar-rasu.  L-imputat kompla jghid lill-pulizija illi huwa kien baqa d-dar dakinhar u qal ukoll lill-pulizija illi Zammit kien iffirma fuq ic-cekkijiet u kien kiteb ic-cekkijiet hu stess.  L-imputat qal ukoll lill-pulizija li lil Daniel Montebello kien ilu jafu xi tlett xhur, kien jafu Rahal Gdid hdejn il-kazin tal-banka u skond l-imputat kien l-istess Montebello illi kien qallu illi kien ser ikollu d-droga Kokaina u li jekk ried jinqeda seta imur ifittxu u jixtri l-kokaina minghandu.  U kien ghalhekk illi l-imputat kien ha lil Charles Zammit ghand Montebello minfejn kien xtara l-

kokaina. L-Ispettur Farrugia Mamo xehdet illi Charles Zammit ikkollabora l-verzjoni illi ta l-imputat fuq imsemmi, waqt illi Daniel Montebello cahad bil-qawwa kollha dak illi kien allega l-imputat dwaru.

Illi l-imputat fuq imsemmi kif ukoll Charles Zammit kienu ikkonfermaw l-istqarrija illi taw lill-Ispettur Farrugia Mamo quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Illi meta xehed Charles Zammit f'dawn il-proceduri huwa qal illi l-imputat fuq imsemmi kien introducih ma Daniel Montebello illi minghandu huwa jigifieri Charles Zammit kien xtara d-droga kokaina.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi fiz-zmien in kwistjoni kien iltaqa ma Charles Zammit illi kien talbu biex imur mieghu bil-karozza. Huwa qal illi ra lil Charles Zammit jisraq cheque book minn vettura, iffirma cheque minn dan ic-cheque book u sarfu fil-fergha tal-BOV ta' Birkirkara. Sussegwentement huma t-tnejn marru flimkien biex jixtru d-droga u fil-fatt xtraw id-droga minghand Daniel Montebello minn Rahal Gdid. Charles Zammit xtara zewg grammi kokaina u hallas taghhom LM80 (tmenin lira). Id-droga haduha flimkien jigifieri Zammit u l-imputat. Huma marru wara hdejn is-Ship Building fejn hemm tal-Marsovin il-

Marsa. Umbaghad Zammit wassl lill-imputat iz-Zejtun u mar xi drabi ohrajn sabiex jixtri d-droga minghand Montebello wahdu. Huwa qal illi lil Charles Zammit huwa qatt ma kien tah droga. L-imputat xehed ukoll illi illum il-gurnata irnexxielu ifiq mill-problema illi kellu tal-vizju tad-droga. Huwa xehed illi fiz-zmien imsemmi fl-imputazzjoni huwa flimkien ma Charles Zammit kienu hadu d-droga darbtejn, darba minnhom wara s-Ship Building u d-darba l-ohra fid-dar tal-imputat iz-Zejtun. L-imputat ammetta illi kien minnu illi kien hu illi kien laqqa lil Charles Zammit ma Daniel Montebello.

Illi tela jixhed Charles Zammit illi ma irrisponda ghall-ebda domanda li saritlu mill-Ufficjal Prosekutur peress illi wara illi l-Qorti wissietu illi mir-risposti tieghu huwa seta jinkrimina ruhu huwa ghazel illi ma jixhidx u l-Qorti ezentatu milli jixhed.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa t-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni illi minnha irrizulta u fil-fatt il-Qorti taqbel mal-Ufficjal Prosekutur f'dan ir-rigward illi Charles Zammit mhuwiex xhud kredibbli u dana peress illi meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti ta verzjoni mod, meta xehed quddiem

il-Qorti ta verzjoni mod iehor u meta rega xehed ghazel li ma iwiegeb ghal ebda domanda. Jigifieri hawn hekk ghandna tlett verzjonijiet differenti illi ta Charles Zammit f'dan il-proceduri.

Illi b'kuntrast l-imputat fuq imsemmi ikkonferma illi kien hu illi kien introduca lil Charles Zammit ma Daniel Montebello. L-imputat ammetta wkoll illi huwa kien jabbuza mid-droga. Xehed pero' illi meta mar ma Charles Zammit ghand Daniel Montebello kien Zammit illi xtara d-droga u mhux hu.

Illi l-Qorti giet ukoll infurmata illi l-pulizija istitwiet proceduri kriminali kemm kontra Charles Zammit, kif ukoll kontra Daniel Montebello u l-Prosekuzzjoni jidhrilha illi fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi it-traffikar certament ma jirrizultax, imma jirrizulta biss il-pussess. L-Ufficjal Prosekutur iddikjarat ukoll illi jirrizultaha illi kemm l-imputat fuq imsemmi ilu l-habs jidher illi irriforma ruhu u hareg mill-problema illi kellu tal-vizju tad-droga.

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti qeghda **tillibera** lill-imputat fuq imsemmi mit-tieni akkuza, dik illi forna, jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Kokaina, liema akkuza certament ma gietx ippruvata.

Illi ghal dak illi jirrigwarda t-tielet akkuza dik illi l-imputat sar recidiv b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati fil-31 ta' Ottubru, 1995 u fis-26 ta' Lulju, 1996. Il-Qorti tosserva illi dawn iz-zewg sentenzi ma gewx esebiti mill-Ufficjal Prosekutur f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant certament il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' din it-tielet akkuza.

Illi ghal dak illi jirrigwarda s-sentenzi moghtija fit-13 ta' Ottubru, 1998 u fit-3 ta' Ottubru, 1997 il-Qorti tinnota li dawn iz-zewg sentenzi gew moghtija wara d-data illi fiha gew kommessi l-allegati reati u cioe' fis-16 ta' Dicembru, 1996 u ghaldaqstant il-Qorti qeghda **tillibera** lill-imputat fuq imsemmi minn din it-tielet akkuza.

Illi ghal dak illi jirrigwarda r-raba imputazzjoni dik illi l-imputat fuq imsemmi kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta' Lulju, 1998 il-Qorti ma tistax issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' din l-imputazzjoni u dana peress illi meta inghatat din is-sentenza l-imputat fuq imsemmi kien diga ikkommetta r-reati in kwistjoni u dana peress illi r-reati in kwistjoni kif diga intqal gew kommessi fis-16 ta' Dicembru, 1996 aktar minn sentejn qabel ma inghatat din is-sentenza.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-hames imputazzjoni, dik illi l-imputat kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 billi ikkommetta reat illi ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Ottubru, 1996 il-Qorti tinnota illi din is-sentenza ma gietx esebita f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant ma tistax issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' din l-imputazzjoni.

Illi l-Qorti pero' tara illi l-ewwel imputazzjoni, dik illi l-imputat fuq imsemmi fis-16 ta' Dicembru, 1996 u fix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina bi ksur tal-Ligi ta' Malta il-Qorti wara illi rat id-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet 4 u 6 tal-Kap. 101, kif ukoll ir-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939 kif sussegwentement ammendati, kif ukoll l-Artikoli kollha imsemmija fl-Ordni tal-Avukat Generali tas-17 ta' Marzu, 1998 u il-kontro-ordni tal-Avukat Generali tad-9 ta' Frar, 2000, il-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi **hati** ta' din l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat illi l-imputat fuq imsemmi irnexxielu jeghleb il-vizju tad-droga kemm ilu detenut fil-

Facilita Korrettiva ta' Kordin u jidher ghalhekk illi huwa irnexxielu jirriforma hajtu. Ghaldaqstant il-Qorti tara illi piena karcerarja ma tkunx idonea ghall-akkadut. Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub **hati tal-ewwel imputazzjoni** migjuba kontra tieghu ghall-multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM300), filwaqt illi **tilliberrah mill-akkuzi kollha l-ohra** li gew migjuba kontra tieghu, liema akkuzi ma gewx ippruvati.

Finalment il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz fi zmien xahar minn meta jigi hemm interpellat biex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur